MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tal-21 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 3/1984/2

Mario Caruana
vs
X

Il-Qorti,

**A. DIKJARAZZJONI:**
Rat id-dikjarazzjoni ta' Mario Caruana, kummercjant bil-hwienet ta' "household goods" li fiha semma:

Li huwa kien issospenda l-pagamenti lejn il-kredituri tieghu u kien qieghed jiddikjara falliment filwaqt li esebixxa nota li tindika l-isem, il-kunjom, l-indirizz tal-kredituri tieghu u l-ammont u nature tal-kreditu taghhom u pproduca u esebixxa l-kotba tal-kummerc tieghu.

**B. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Mario Caruana tas-16 ta' Gunju, 2005 fejn sostna li l-istat fallimentari tieghu ma kienx dovut ghal xi

nuqqas imputabbli lilu u t-talba tieghu biex din il-Qorti tordna r-rijabilitazzjoni fil-kummerc ai termini tal-artikolu 538 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta.

**C. PROVI:**

Rat id-decizjoni tal-lum stess ta' din il-Qorti kif presjeduta li permezz taghha gie deciz li irrizulta li l-kredituri tal-fallut Mario Caruana m'ghandhomx aktar interess, u f'nuqqas tal-prova tal-krediti iddikjarat li dawk il-proceduri ma jistghux jimxu 'l quddiem.

Rat illi fit-13 ta' Jannar, 2006 Dr. Louis Cassar Pullicino, kuratur fallimentari semma li riferibbilment ghat-talba tar-riabilitazzjoni tas-Sur Caruana fuq id-diskussjonijiet u l-laqghat li kellu mas-Sur Caruana fl-ufficcju tieghu kien baghat ghalih f'zewg okkazjonijiet, primarjament biex jiehu daqsxejn ideja ta' x'inhi s-sitwazzjoni tieghu attwali, ghadux involut fin-negozju fil-bidu jew le u affarijiet simili. Kien irrizultalu li n-negozju li kellu fi zmien kien ilu maghluq u l-post vakat fejn kien jopera originarjament u c-cwievet mghoddija lura lis-sidien. Zied li llum bazikament Caruana m'hu qed jaghmel ebda attivita` kummercjali u hu impjegat regolarment u li s-sitwazzjoni hija wahda tipika anke minhabba xi ragunijiet familjari li kellu mal-mara tieghu u mar lura, u ovvjament id-debiti ssuperaw id-dhul li kellu. Bhala falliment b'aspetti frawdolenti jew qarrieqa ma rrizultawlux.

Xehed Mario Caruana li semma li beda n-negozju fl-1973 meta kellu n-negozju Strada Merkanti u in segwitu beda negozju zghir f'Regency House u ghamel 10 snin jespandi, u espanda ghal tlett ihwienet fejn kien ibiegh ***household*** u ***toys*** u in segwitu kienu dahlu sistema ta' kwoti u allura ma setax jimporta dak li xtaq fl-ammonti li xtaq. Zied li nqabad f'***boycot*** u li minhabba f'hekk gie affettwat kemm fix-xiri kif ukoll fil-bejgh. Zied li ma' dan kellu problemi familjari mal-mara u li hi kienet telqet. Inoltre kien inhareg mandat ta' inibizzjoni kontra tieghu b'mod li ma setax ikompli ghaddej bl-operazzjonijiet kummercjali. Kien wasal fil-punt li aktar ma jopera aktar isir hsara milli gid hall-habta tal-1983. Semma li matul dawn l-ahhar 20 sena ghamel l-ahjar tieghu biex jiltaqa'

mal-kredituri u jhallashom bicca bicca ta' dak li kien dovut u l-maggoranza kien hallashom.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET :**

A tenur tal-artikolu 538(2) tal-Kap 13 ir-rijabilitazzjoni tigi moghtija jekk ma jkunx gie pruvat xi att doluz jew ta' qerq min-naha tal-fallut u ghandha l-effett li tehles lill-fallut sewwa dik li hi persuna tieghu kif ukoll ghall-beni li jakkwista wara. Fil-kors tal-provi ma rrizultax ebda att doluz jew ta' qerq min-naha ta' Mario Caruana. Illi ma hemm ghalhekk ebda raguni ghaliex Mario Caruana ma ghandux jigi rijabilitat wara li l-fatti rrizultaw bil-mod kif spjegat fuq.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk il-Qorti tawtorizza u tordna r-rijabilitazzjoni ta' Mario Caruana a tenur tal-Kap 13 artikolu 538.

Spejjez kontra l-istess Mario Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------